**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Marzu, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 333/2016 AF**

**Emanuel Peresso u martu Carmen Peresso**

**vs**

**MSV Life p.l.c. (C-15722)**

**u**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Emanuel Peresso u martu Carmen Peresso, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

L-intimati kienu bieghu erba' (4) poloz ta' assigurazzjoni fuq il-hajja lir-rikorrenti Emanuel u Carmen Peresso, liema poloz kienu

lkoll investiti fl-*MSV With Profits Fund*; il-*premiums* tal-imsemmija poloz thallsu kollha fil-bidu ta' dawn l-hekk maghrufa *Single Premium Policies*.

Ir-rikorrenti xtraw l-imsemmija poloz minghand l-intimata MSV p.l.c. ("MSV") abbazi tal-*Quotations* li kienu ntbaghtu lilhom bil-miktub qabel il-hrug tal-istess poloz, tramite l-intimat l-iehor, il-Bank of Valletta p.l.c. ("BOV"), sabiex jigu ndotti jakkwistaw l-istess poloz; dawn l-imsemmija *Quotations* kienu jaghtu cifra wahda ta' "*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus*" u cifra ohra ta' "*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus and Terminal Bonus*", abbazi li jithallsu l-premiums u li l-polza tinzamm sad-data tal-maturità taghha.

Illum l-erbgha (4) poloz mixtrija mir-rikorrenti lahqu d-data tal-maturità taghhom u huma dawn li gej:

- Il-polza bin-numru 39261N li nharget fit-3 ta' Dicembru 1997 u mmaturat nhar it-3 ta' Dicembru 2015;

- Il-polza bin-numru 39262N li nharget fit-3 ta' Dicembru 1997 mmaturat nhar it-3 ta' Dicembru 2014;

- Il-polza bin-numru 39263N li nharget fit-3 ta' Dicembru 1997 mmaturat nhar it-3 ta' Dicembru 2013; u

- Il-polza bin-numru 39264N li nharget fit-3 ta' Dicembru 1997 mmaturat nhar it-3 ta' Dicembru 2012.

L-imsemmija *Quotations* mahruga mill-intimati fir-rigward tal-erba' (4) poloz sucitati li lahqu d-data tal-maturità taghhom kienu jammontaw ghal €261,112 fir-rigward tal-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u €304,073 fir-rigward tal-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus and Terminal Bonus*.

Fis-17 ta' Lulju 2007, l-MSV unilateralment irrevediet ghal kull wahda mill-erba' (4) poloz surreferiti, l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus and Terminal Bonus*, u dan billi naqqsithom b'mod sostanzjali.

Fil-15 ta' Jannar 2014, l-MSV regghet unilateralment irrevediet l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus and Terminal Bonus* ta' kull wahda mill-poloz li ma kienux immaturaw f'dak l-istadju, u jigifieri l-polza bin-numru 39261N (li eventwalment immaturat nhar it-3 ta' Dicembru 2015) u l-polza bin-numru 39262N (li eventwalment immaturat nhar it-3 ta' Dicembru, 2014).

Intant il-valur attwali tal-erba' poloz surriferiti kompla dejjem juri diskrepanza bejn dak li l-intimati kienu prospettaw lir-rikorrenti fil-mument tal-bejgh tal-istess poloz u dak li l-MSV kienet disposta illi thallashom meta mmaturaw l-istess poloz.

Effettivament meta mmaturaw l-erba' poloz surreferiti, u cioè l-polza bin-numru 39261N, il-polza bin-numru 39262N, il-polza bin-numru 39263N u l-polza bin-numru 39264N is-somom li gew offruti lir-rikorrenti kienu ta' €50,375.58, €46,657.01, €44,076.51 u €40,750.83 rispettivament, total ta' €181,860 u cioè €35,791, €32,380, €28,386 u €25,657 anqas mill-istimi rispettivi, ammont totali ta' €122,213 anqas.

B'hekk is-somma totali offruta lir-rikorrenti mill-intimata MSV fir-rigward tal-erba' poloz surriferiti meta dawn immaturaw kienet ta' €181,860[1], mqabbla mas-somma prospettata ta' €304,073[2] fl-istadju tal-bejgh, ossia tnaqqis ta' €122,213[3] jew 40% mis-somma totali originarjament prospettata.

Ir-rikorrenti m'accettawx is-somom li mmaturaw fir-rigward tal-poloz in kwistjoni u fil-fatt c-cekkijiet relattivi mahruga mill-intimati baqghu ma gewx accettati.

Minkejja l-fatt illi l-*Quotations* li abbazi taghhom l-intimati bieghu l-poloz lir-rikorrenti kienu deskritti bhala "*estimated*" u "*illustration*", huwa evidenti illi l-valur attwali tal-maturità huwa tant inferjuri ghal dak ipprospettat originarjament illi d-

[1] Ara Paragrafu 8

[2] Ara Paragrafu 4

[3] Ara Paragrafu 8

diskrepanza in kwistjoni ta’ 40% teccedi dak li jista’ jitqies bhala ragjonevolment accettabbli f’kuntest ta’ stima.

Di più jirrizulta illi l-*policy premiums* li thallsu mir-rikorrenti ma gewx “*credited to the Policy Account*” fl-intier taghhom, izda sar tnaqqis mill-istess *premiums* minghajr il-kunsens tar-rikorrenti ta’ ammonti sostanzjali (ta’ kwazi 5% tal-*premiums* kollha li thallsu) biex fost l-ohrajn thallset l-kummissjoni lill-BOV ghall-bejgh tal-istess poloz lir-rikorrenti.

L-intimata BOV, li agixxiet bhala *tied intermediary* fil-bejgh tal-poloz, ghamlet pressjoni ta’ bejgh fuq ir-rikorrenti, klijenti taghha li ssellfu mill-istess BOV, sabiex jinvestu fil-poloz surreferiti, illi effettivament l-intimata BOV approfittat ruhha mill-vulnerabilità tar-rikorrenti konsumaturi taghha biex inducietthom jakkwistaw l-istess poloz kif ser jirrizulta aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza.

L-intimati zgwidaw lir-rikorrenti u/jew uzaw espressjonijiet mhux gusti fil-bejgh tal-poloz surriferiti; inoltre fl-esekuzzjoni tal-kuntratti relattivi, l-intimati kienu inadempjenti u agixxew b’mod abbuziv, illegali u qarrieqi u bi ksur tat-termini pattwiti bejn il-partijiet meta offrew valuri tal-maturità tal-poloz ferm inferjuri ghal dak originarjament prospettat, liema agir effettivament jammonta ghal nuqqas ta’ esekuzzjoni tal-obbligi taghhom.

Konsegwenza ta’ dan l-imsemmi agir tal-intimati, r-rikorrenti sofrew danni sostanzjali fir-rigward tal-poloz bin-numru 39261N, 39262N, 39263N u 39264N u s-somom minnhom investiti.

Minkejja illi l-intimati gew debitament interpellati, ukoll permezz ta’ protest gudizzjarju, (kopja legali hawn annessa u mmarkata Dokument ‘E’) sabiex jirrimedjaw in-nuqqasijiet taghhom u sabiex fin-nuqqas jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti, huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-prezenti kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni ikkawzati lir-rikorrenti u dan billi bi ksur tal-ligi u b'agir skorrett u qarrieqi zgwidaw lir-rikorrenti u agixxew b'nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza, u kif ukoll billi kienu inadempjenti u kisru t-termini u l-kondizzjonijiet pattwiti minnhom fir-rigward tal-poloz surriferiti bin-numri 39261N, 39262N, 39263N u 39264N.

2. Tiddikjara li l-atturi sofrew danni bhala rizultat tal-ghemil u nuqqasijiet tal-intimati.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-ghemil u nuqqasijiet surriferiti tal-intimati, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-bank intimat Bank of Valletta li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament, it-talbiet tal-atturi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-Bank intimat mhux responsabbli għal ebda danni li setgħu ġew sofferti mill-atturi u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontrihom.

Mingħajr preġudizzju u wkoll fil-mertu, il-Bank ma kkawża ebda dannu lill-atturi.

Mingħajr preġudizzju u wkoll fil-mertu, l-atturi jeħtieġ li jippruvaw l-ammont ta' danni minnhom pretiż u wkoll li qdew l-obbligu tagħhom li jimminimizzaw l-imsemmija danni.

Salv risposti ulterjuri u bl-ispejjeż kontra l-atturi.

## A. IL-FATTI

Fir-rigward ta' l-ewwel paragrafu, il-Bank jirrispondi illi l-bejgħ tal-poloz sar tramite l-Bank iżda għall-benefiċċju ta' l-intimata MSV Life p.l.c ("**MSV**"). Addizzjonalment, il-*premiums* fir-rigward tal-poloz imsemmija ma tħallsux lill-Bank iżda lill-MSV, anke jekk tramite lil BOV.

Fir-rigward tat-tieni paragrafu, il-Bank jirrispondi illi bl-ebda mod ma induċa lill-atturi sabiex jixtru l-poloz. Kienu l-atturi li kienu avviċinaw lill-Bank għaliex kienu nteressati li jakkwistaw il-poloz in kwistjoni.

Fir-rigward tat-tielet paragrafu, il-Bank m'għandux xi jżid.

Fir-rigward tar-raba' paragrafu, il-Bank m'għandux xi jżid ħlief illi jissottolineja li dawn kienu biss *quotations* u l-valuri li jikkwotaw f'dan il-paragrafu huma intitolati *estimated maturity value* – li jirrendu ċar il-fatt li kienu sempliċiment qiegħdin jipprospettaw ipotesi waħda, minn diversi oħrajn possibli fil-futur.

Fir-rigward tal-ħames paragrafu, ma jirrispondix il-Bank.

Fir-rigward tas-sitt paragrafu, ma jirrispondix il-Bank.

Fir-rigward tas-seba' paragrafu, il-Bank jirrispondi illi l-valuri fil-*quotations* kienu biss stimi inidikattivi li jipprospettaw ipotesi waħda min diversi oħrajn li setgħu kienu possibbli. Dawn l-ammonti bl-ebda mod ma ġew deskritti lill-atturi bħala ammonti garantiti. Dan hu ċar *inter alia* mill'*quotations* illi jiddiskrivu l-valuri fid-data tal-maturita' bħala *estimated maturity values*. M'hemm xejn fil-kelma *estimated* li tindika li l-ammonti kienu

b'xi mod finali jew garantiti – anzi il-kelma '*estimate'* tfisser propju il-kuntrarju. Kienu biss stima.

Addizzjonalment, it-tnaqqis fl-*estimated maturity values* ma seħħx minħabba xi tort imputabbli lill-Bank – it-tnaqqis fil-valur kien biss attribwibbli għall-kambjament fil-valuri tal-assi fis-swieq sottostanti, li fihom il-flus ta' l-atturi ġew investiti tramite l-MSV With Profits Fund (il-fond li fihom kienu nvestiti l-poloz *de quo*). Dan ir-riskju ġie mgħarraf lill-atturi permezz ta' l-*Important Notes* li jgħidu s-segwenti:

> "... Terminal bonuses depend materially on investment conditions prevailing at the time of the claim, they may be reduced or withdrawn altogether"... "investment returns can go down as well as up and therefore past performance is not necessarily a guide ot the future".

Barra minn hekk, sa mill-2007, l-atturi kienu qed jirċievu ittri mill-MSV li *inter alia* jsostnu illi:

> "...The revised Illustrative Maturity Values have been calculated using three different levels of assumed bonus rates. The assumed bonus rates shown above are not guaranteed and they are not minimum or maximum rates or amounts. The most important factor that affects bonus rates is the underlying investment performance. Investment returns can go up as well as down and therefore past performance is not necessarily a guide to the future. It is not possible to predict what the bonus rates will be in future and they may be higher or lower than what they are today."

Fir-rigward tat-tmien paragrafu, ma jirrispondix il-Bank.

Fir-rigward tad-disa' paragrafu, il-Bank jirreferi għar-risposta fil-paragrafu sebgħa hawn fuq.

Fir-rigward ta' l-għaxar paragrafu, il-Bank m'għandux xi jżid.

Fir-rigward tal-ħdax il-paragrafu, il-Bank jerġa' jirreferi għar-risposta fil-paragrafu sebgħa hawn fuq.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni li sar tnaqqis mill-*premiums* mingħajr il-kunsens ta' l-atturi, il-Bank jirreferi għall-*Life Policy Schedule*[4] li juri biċ-ċar li minn premium amount ta' LM10,000 l-*investment premium* kien fl-ammont ta' LM9,514.19. L-atturi qatt ma kkontestaw l-ammont ta' l-*investment premium* sa mill-1997.

Fir-rigward tat-tnax il-paragrafu, il-Bank jiċħad illi b'xi mod qatt għamel pressjoni fuq l-atturi sabiex jixtru l-poloz jew approfitta ruħu mill-atturi jew induċihom sabiex jakkwistaw il-poloz. Il-Bank jiċħad kategorikament li qatt approfitta ruħu mill-atturi jew li dawn huma vulnerabbli u għalhekk induċiethom sabiex jixtru l-poloz in kwistjoni.

Addizzjonalment, mhuwiex ċar minn dan il-paragrafu jekk dak li qiegħdin jallegaw l-atturi huwa li sselfu mill-Bank sabiex jinvestu fil-poloz *de quo.* F'dan ir-rispett, il-Bank jirriżerva d-dritt li jirrispondi ulterjorment wara li jottjeni d-debiti kjarifiċi.

Fir-rigward tat-tlettax il-pargrafu, il-Bank jiċħad li uża xi espressjonijiet mhux ġusti u u fi kwalunkwe każ l-atturi ma speċifikawx liem espressjonijiet fil-poloz odjerni huma allegatament inġusti. Il-Bank f'kull ċirkostanza qeda d-doveri w l-obbligi tiegħu fil-konfront ta' l-atturi in *buona fede*.

Addizzjonalment, il-Bank qatt ma offra l-ebda valur ta' maturita' lill-atturi għaliex dan kien esklussivament kompitu ta' l-intimata MSV.

Fir-rigward ta' l-erbatax il-paragrafu, il-Bank jirrispondi li ma kkawża l-ebda dannu lill-atturi.

Fir-rigward tal-ħmistax il-paragrafu, il-Bank jirreferi għall-kontro-protest li kien ippreżenta fis-26 ta' Ġunju 2015 (kopja annessa bħala 'Dok.BOV1').

[4] Kopji annessi mar-rikors ġuramentat u mmarkati Dok.Aii, Bii, Cii u Dii.

Għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata MSV Life p.l.c. li permezz tagħha eċċepiet illi:

In linea preliminari, ir-rikors ġuramentat ma jissodisfax l-art. 156(1)(a) tal-Kap. 12 in kwantu mhuwiex suffiċjentement ċar u espliċitu. B'mod partikolari l-allegazzjonijiet fir-rikors ġuramentat, fosthom dawk elenkati fil-paragrafu 13 u fl-ewwel talba ta' l-istess, ma jindikawx b'mod ċar kif ir-rikorrenti gew allegatament zgwidati; jew liema espressjonijiet allegatament mhux gusti kienu wzati mill-intimati; jew fejn, fl-esekuzzjoni tal-kuntratti relattivi, l-intimati allegatament kienu inadempjenti u allegatament agixxew b'mod abbuziv, illegali u qarrieqi; jew liema termini pattwiti bejn il-partijiet ġew allegatament miksura; jew kif l-agir tal-intimati allegatament jammonta ghal nuqqas ta' esekuzzjoni tal-obbligi tal-intimati; jew liema ligi giet allegatament miksura; jew liema agir kien allegatament skorrett jew qarrieqi; jew b'liema mod allegatament aggixxew b'nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza; jew kif allegatament kisru t-termini u kundizzjonijiet pattwiti minnhom fir-rigward tal-poloz bin numri 39261 N, 39262 N, 39263 N jew 39264 N; u f'dan is-sens l-intimat, filwaqt li qiegħed jintavola din ir-risposta ġuramentata, jgħid li in mankanza li jiġi ndikat b'mod ċar eżattament kif ir-rikorrenti gew allegatament zgwidati; jew liema espressjonijiet mhux gusti kienu allegatament uzati mill-intimati; jew fejn, fl-esekuzzjoni tal-kuntratti relattivi, l-intimati kienu allegatament inadempjenti u allegatament agixxew b'mod abbuziv, illegali u qarrieqi; jew liema termini pattwiti bejn il-partijiet ġew allegatament miksura; jew kif l-agir tal-intimati allegatament jammonta ghal nuqqas ta' esekuzzjoni tal-obbligi tal-intimati, jew liema ligi giet allegatament miksura; jew liema agir tal-inimati kien allegatament skorrett jew qarrieqi; jew b'liema mod l-intimati allegatament aggixxew b'nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza; jew kif allegatament l-intimati kisru t-termini u kundizzjonijiet pattwiti minnhom fir-rigward tal-poloz bin numri 39261 N, 39262 N, 39263 N jew 39264 N; ser ikun fl-impossibilità li ssir difiża akkurata kontra dawn l-allegazzjonijiet. Għalhekk, a skans ta' preġudizzju serju għad-difiza tas-socjetà intimata, huwa meħtieġ li r-rikors

ġuramentat jiġi korrett biex jissodisfa l-vot tal-Art. 156(1) tal-Kap 12, b'riserva ta' kull rimedju li jkollu l-intimat fin-nuqqas.

In linea preliminari ukoll, peress illi

(a) ta' kull sena b'effett mill-ewwel anniversarju ta' kull polza *de quo* r-rikorrenti gew mgharrfa bil-miktub kif kienu sejrin il-poloz *de quo*, u cioè bil-valur taghhom attwali, permezz tad-Dikjarazzjoni tal-Kont tal-Polza, li maghha kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah Noti Importanti, u sa mill-2001 kien ukoll jigi anness dokument iehor imsejjah Stqarrija Stampa; u

(b) inoltre, fis-17 ta' Lulju 2007 u fil-15 ta' Jannar 2014, permezz tal-ittri tal-esponenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bhala Dokument A.iii; Dokument B.iii; Dokument C.iii; Dokument D.iii; Dokument A.iv; u Dokument B.iv, l-esponenti regghu gharrfu lir-rikorrenti b'dawk id-dettalji dwar l-andament tal-poloz taghhom b'mod iktar dettaljat; kollox kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

l-azzjoni ntavolata permezz ta' dan ir-rikors hija preskritta ai termini tal-art. 543 tal-Kap 13.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjetà assikuratrici MSV Life p.l.c. ma wzat l-ebda espressjonijiet mhux gusti; fl-esekuzzjoni tal-kuntratti relattivi, ma kienetx inadempjenti jew agixxiet b'mod abbuziv, illegali u qarrieqi; ma kisret ebda termini pattwiti bejn il-partijiet; ma agixxiet bl-ebda mod li jammonta ghal nuqqas ta' esekuzzjoni tal-obbligi taghha; ma kisret l-ebda ligi, ma zgwidatx lir-rikorrenti fl-ebda stadju la b'agir skorrett u qarrieqi u lanqas b'xi mod iehor, lanqas ma mxiet b'nuqqas ta' hila, jew sengha jew bi traskuraggni jew negligenza u lanqas kienet inadempjenti jew kisret xi termini jew kundizzjonijiet pattwiti fir-rigward tal-poloz bin-numri 39261 N, 39262 N, 39263 N jew 39264 N.

Mingħajr preġudizzju ghas-suespost wkoll, is-socjetà assikuratrici MSV Life p.l.c. qatt ma kkawżat l-ebda telf jew

dannu lir-rikorrenti u r-rikorrenti naqsu ghal-kollox milli jipprovaw xi telf jew dannu hekk kif inhuma rikjesti mill-ligi, u dan propju ghaliex ir-rikorrenti fil-fatt ma soffrew ebda telf jew dannu.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti iridu jagħmlu l-aħjar prova tad-danni allegatament sofferti minnhom.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, nassumu li r-rikorrenti soffrew xi danni, u dan ovvjament mhuwiex il-kaz u mhuwiex ammess, l-ammont tad-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti ma jistax ikun dak li ghalih issir referenza fil-paragrafu 8 tar-rikors. Dan l-ammont tad-danni allegatament sofferti huwa ibbazat biss fuq stima (*estimate* jew *illustration*) li saret meta r-rikorrenti xtraw il-poloz *de quo*. Kieku wiehed seta' jiehu l-ammont tal-imsemmija stima sabiex jiddetermina d-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, allura jfisser li l-*Estimated Maturity Value including Reversionary Bonus* u l-*Estimated Maturity Value including Reversionary and Terminal Bonuses* issa jkunu gew moghtija tifsiriet ferm differenti minn dik ta' stima (*estimate* jew *illustration*) (hekk kif kienu gew uzati u kif jinftehmu bit-tifsira normali tal-kliem) u jiehdu minflok tifsira zbaljata ta' ammonti garantiti, sabiex konvenjentement ir-rikorrenti jivvantaw il-pretensjonijiet infondati taghhom.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk ghal darb'ohra ghall-grazzja tal-argument biss, nassumu li r-rikorrenti soffrew xi danni, u dan ovvjament mhuwiex il-kaz u mhuwiex ammess, ir-rikorrenti kienu obbligati skond il-ligi biex jiehdu kwalunkwe azzjoni necessarja sabiex jillimitaw l-istess danni u zgur li dan ma ghamluhx ghaliex ma hadu ebda azzjoni minn meta gew mgharrfa kif kienu sejrin l-investimenti taht il-poloz *de quo*.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-socjetà assikuratrici m'ghandha thallas ebda imghaxijiet jew spejjez, la ta' din il-procedura u lanqas tal-protest gudizzjarju, illi saru inutilment, hekk kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, inkluz minhabba l-fatt illi l-ammonti dovuti lir-rikorrenti assikuratrici taht il-poloz *de quo* gew rifjutati mir-rikorrenti u ghalhekk gew iddepozitati taht l-Awtorità tal-Qorti sabiex jigu mehuda

liberalment mir-rikorrenti wara li jhallu d-debita ricevuta skond il-ligi a saldu u sodisfazzjoni totali tal-ammonti lilhom dovuti taht il-poloz *de quo*.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tas-socjetà intimata MSV Life p.l.c. li permezz taghha eccepiet illi:

It-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti fil-konfront tal-esponenti a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib li l-intimati huma responsabbli għad-danni li sofrew minħabba investiment li ma pproduċiex il-qligħ mistenni u konsegwentement, likwidazzjoni u ħlas tal-istess danni. Da parti tagħhom, l-intimati jiċħdu li huma b'xi mod responsabbli għat-telf li jgħidu li sofrew l-atturi. Din id-deċiżjoni hija limitata għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien xtara mingħand l-intimata MSV Life p.l.c. (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'MSV') erba' poloz ta' assigurazzjoni tramite l-intimat l-ieħor Bank of Valletta p.l.c. (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'BOV' jew 'il-bank'), liema poloz kienu investiti fil-*MSV With Profits Fund*. Il-*premiums* tħallsu kollha fil-bidu ta' dawn l-hekk magħrufa *Single Premium Policies*.

F'każijiet bħal dawn, il-bank jieħu ħsieb it-thejjija bil-*proposal form* imbagħad jgħaddi kollox lil MSV, li jekk taċċetta l-proposta, toħroġ il-polza. Il-bank kien ikun involut biss fl-istadju tal-applikazzjoni. Mario Farrugia, *Head Bancassurance* mal-BOV, spjega li f'dan il-każ il-Bank kien jaġixxi bħala *tied intermediatary* tal-intimata l-oħra għal poloz ta' *life insurance*. Denis Muscat, li fi żmien li nbiegħu l-poloz in kwistjoni kien Manager tal-fergħa tal-bank ġewwa Birkirkara, spjega li l-bank kien jaġixxi bħala *saleseman* tal-MSV li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited.

L-attur kien innegozja dirett mal-BOV għal ħruġ ta' dawn il-poloz. Permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 1997, miktuba fuq *letterhead* tal-BOV, Denis Muscat, kien ta parir lill-attur sabiex jinvesti flusu billi jakkwista numru ta' poloz ta' assigurazzjoni tal-MSV. Din l-ittra kienet segwita b'oħra datata 25 ta' Ottubru 1997, fejn Muscat kien kwotalu stima ta' kemm għandu jistenna li jirċievi meta jimmaturaw il-poloz.

Il-*proposal forms* in kwistjoni ġew iffirmati mill-attur f'waħda mill-fergħat tal-BOV fid-29 ta' Novembru 1997 u l-poloz inħarġu fit-3 ta' Diċembru 1997. Il-kuntratt finali kien ffirmat mal-MSV iżda fil-fergħa tal-bank.

F'Lulju tal-2007, MSV bagħtet tinforma lill-attur li hija kienet irrevediet l-*Estimated Maturity Value including Revisionary Bonus* u l-*Estimated Value including Revisionary Bonus and Terminal Bonus* għal kull waħda mill-erba' poloz u dan billi naqqsithom b'mod sostanzjali. Fit-3 ta' Diċembru 2012 u fit-3 ta' Diċembru 2013 immaturaw l-ewwel żewġ poloz. Fil-15 ta' Jannar 2014, MSV bagħtet ittra oħra lill-attur fejn għal darb'oħra infurmatu li hija kienet irrevediet l-*Estimate Maturity Value including Revisionary Bonus* u l-*Estimated Value including Revisionary Bonus and Terminal Bonus* għaż-żewġ poloz li kienu għadhom ma mmaturawx. Dawn immaturaw fit-3 ta' Diċembru 2014 u 3 ta' Diċembru 2015. L-attur jikkontendi li huwa għamel telf ta' €122,213 fuq dawn l-erba' poloz minħabba tnaqqis sostanzjali fuq is-somma li kien ingħata x'jifhem li ser jirċievi meta xtara l-poloz fl-1997. F'Mejju tal-2015 l-atturi preżentaw protest ġudizzjarju kontra l-intimati.

L-intimati jeċċepixxu li l-azzjoni hija preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

B'mod ġenerali, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Jannar 1950, li:

> *"(L)-indoli ta' l-azzjoni tiġi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa intiż il-ġudizzju."*

Minn dan isegwi li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati huwa neċessarju li ssir indaġini dwar il-veru natura tal-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mill-atturi.

Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello, tal-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti qalet proprju li:

> *"Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera."*

Hija l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u talbiet tagħha li għandha tiddetermina liema huwa l-perjodu preskrittiv applikabbli. Wieħed irid iqis allura jekk l-artikolu tal-liġi msemmi mill-intimati sabiex isejjsu l-eċċezzjoni tagħhom japplikax għall-azzjoni odjerna kif arginata.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud, deċiża fl-1 ta' April 2003:

> *"Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat*

*imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin."*

Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

*"Illi, madankollu, mhux kull ħsara li ġġarrab persuna minn għamil jew nuqqas ta' ħaddieħor waqt it-twettiq ta' kuntratt tikkostitwixxi ħtija kuntrattwali: iżda biex tkun ħtija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jeħtieġ jintwera li l-għamil li minħabba fih issir il-ħsara jkun għal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt."*

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe, tal-20 ta' Frar 2009 spjegat illi:

*"Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza* ***Spiteri pro et noe v. Castle*** *fejn inghad illi "Il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill- "istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias" a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-*

*perjodu tal-preskrizzjoni … Illi a propositu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi l-**colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.** Illi anke d-duttrina kontinentali recenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall- 'interpretazzjoni gudizzjarja' jew, iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispeci dedotti…""*.

Il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 titlaq mill-premessa li l-attur ikun qiegħed jallega ħtija akwiljana fil-konfront tal-intimat eċċepjent.  Madanakollu, fil-każ tal-lum huwa evidenti mill-premessi u talbiet attriċi li l-azzjoni odjerna m'hijiex ibbażata fuq fatti u ċirkostanzi previsti mill-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili.

L-atturi jikkontendu li l-intimati huma responsabbli għad-danni konsistenti fit-telf li sofrew u dan peress illi b'aġir skorrett u qarrieqi żgwidawhom u aġixxew b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza u kif ukoll billi kienu inadempjenti u kisru t-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-poloz ta' assigurazzjoni in kwistjoni.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi t-talbiet attriċi huma bbażati fuq l-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu li huma msejsa fuq ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u mhux ħtija akwiljana.  Ir-relazzjoni tal-attur mal-MSV indubbjament issib il-fondament tagħha fil-kuntratti ta' poloz ta' assigurazzjoni in kwistjoni.  Mal-bank intimat, l-attur kellu relazzjoni kuntrattwali

ta' professjonista u klijent. Għalhekk, fil-każ tal-lum, m'għandha x'taqsam xejn il-ħtija akwiljana.

Dak li qegħdin jitolbu l-atturi mhumiex danni emanenti minn delitt jew kważi delitt, imma bbażati fuq allegazzjoni li l-intimati naqsu fl-obbligi kuntrattwali tagħhom, u allura, in-natura tal-azzjoni hija waħda' ta' inadempiment ta' obbligu legali impost fuqhom riżultat tar-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom u mhux danni akwiljani. Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tagħmilx riferenza għal dak li qal Denis Muscat stess meta xehed illi l-BOV kienet taġixxi bħala *salesman* tal-MSV, tant illi mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti jirriżulta li l-prodott 'Lifelink', mibjugħ lill-attur, kien '*arranged through*' BOV. Fil-fatt, huwa xehed illi kien 'biegħ' dawn il-poloz lill-attur. Meta l-attur daħal fit-trattattivi mal-bank għall-applikazzjoni ta' dawn il-poloz, inħolqot relazzjoni kuntrattwali. Il-Qorti qieset ukoll li Victor Farrugia, Chief Operations Officer mal-MSV, stqarr illi mal-attur il-kumpannija li huwa kien qiegħed jirrappreżenta kellha relazzjoni kuntrattwali u li l-bank kien l-aġent tagħhom.

Minkejja li huwa minnu li l-attur jallega li l-intimati aġġixxew b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza, huwa ċar li l-allegazzjoni tiegħu hija fis-sens li dan in-nuqqas seħħ fit-twettiq tal-inkarigu tagħhom u ċertament mhumiex ibbażati fuq ħtija akwiljana.

Huwa opportun li f'dan l-istadju ssir riferenza wkoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-każ Roland Darmanin Kissaun vs Globalcapital Financial Management Limited, sentenza mogħtija fid-29 ta' Marzu 2019:

> "*Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda aquiliana. Hu car li l-azzjoni attrici hija bazata fuq kuntratt u ksur tal-istess da parti tas-socjetà konvenuta. L-attur avvicina lis-socjetà konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjetà konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b'obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali*

*u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta' din ix-xorta. Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta' obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn il-partijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delitjuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt."*

Il-Qorti ssib illi ladarba l-ħsara li l-attur jgħid illi ġarrab tinsilet proprju mill-patti kuntrattwali li huwa jgħid li l-intimati naqsu milli jħarsu, il-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ m'hijiex dik imsemmija mill-eċċepjenti.

L-intimata MSV targumenta li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni hija preskritta wkoll bid-dekors ta' 5 snin a tenur tal-artikolu 543 tal-Kap. 13 li jaqra hekk:

*"Kull azzjoni li ġejja minn kuntratt ta' kambju marittimu jew ta' assigurazzjoni, taqa' bi preskrizzjoni wara ħames snin minn dak in-nhar li hija setgħet tiġi eżerċitata."*

Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni mhijiex ġustifikata. L-argument tal-intimati li l-preskrizzjoni kellha tibda tgħaddi minn xi data qabel ma mmaturaw il-poloz in kwistjoni m'għandhiex mis-sewwa. A tenur tal-artikolu 2137, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata. Fil-każ tal-lum, huwa veru li l-attur ġie mgħarraf darbtejn li l-MSV kienet ser tagħmel reviżjonijiet illi kienu ser iħallu impatt negattiv fuq is-somma li kien ser jirċievi, imma kien biss meta mmaturaw il-poloz, u l-attur kellu quddiemu l-valur finali tal-poloz, li kien magħruf xi tnaqqis kien hemm fuq is-somma li ngħata x'jifhem li ser jitħallas meta xtara l-poloz. Fuq kollox, xejn ma kien iżomm lill-MSV milli tagħmel reviżjonijiet addizzjonali sakemm immaturaw il-poloz. L-ebda waħda mill-poloz mertu tal-kawża ma mmaturat aktar minn ħames snin qabel ma saret din il-kawża u allura l-azzjoni lanqas ma hija preskritta skont l-artikolu 543 tal-Kap.13.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevati mill-intimati u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG